**3 Settembru 2004**

**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA U X–XANDIR**

**Daħlet fis-seħħ is-Sezzjoni Kriminali fil-Qorti tal-Familja.**

Wara li tard is-sena li għaddiet bdiet taħdem il-Qorti tal-Familja issa daħlet fis-seħħ ukoll is-sezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati li tieħu ħsieb kawżi kriminali konnessi mal-familja. Dan ħabbru l-Aġent Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern Dr Tonio Borg flimkien mas-Segretarju Parlamentari Carmelo Mifsud Bonnici f'konferenza ta' l-aħbarijiet li saret illum fil-Berġa ta' Aragona.

Għalhekk illum kawżi kriminali li fihom hemm l-konjuġi jew uliedhom konnessi m'għadhomx jinstemgħu fis-seduta tad-distrett mal-kawżi l-oħra iżda separatament. Dan għax hija l-intenzjoni tal-Gvern li jagħti xeħta iktar umana lil kawżi fejn tidħol il-familja, speċjalment fejn jidħlu it-tfal.

Hija l-intenzjoni tal-Gvern li jipprova kemm jista jkun jifred rejati relatati mal-familja mir-rejati u kontravenzjonijiet msejħa 'tad-distrett' biex dawn ma jispiċċawx jintilfu u ma jingħatawx l-attenzjoni li jixirqilhom. B'din il-bidla dawn ir-rejati issa qed jinġabru taħt Maġistrat wieħed u mhux imxerrda mal-kawżi tad-distretti differenti ta' Malta. B'hekk il-kunċett tal-Qorti tal-Familja fil-kamp ċivili qed jiġi estiż għall-kamp kriminali.

B'tibdil fid-dimirijiet magħmula mill-Prim Imhallef numru ta' rejati u kontravenzjonijet li jiġu kommessi bejn l-miżżewġin u bejn l-membri tal-familja ġew assenjati lill-Maġistrat. Dr Anthony J Vella u bil-Magistrat Dr

Abigail Lofaro bħala sostitut għal kawżi li l-Maġistrat Vella ma jistax jieħu konjizzjoni tagħhom huwa.

Minn Lulju dawn id-delitti u reati bdew jinstemgħu quddiem din is-sezzjoni tal-Qorti tal-Familja :

- Meta ġenitur jħalli lil ulied jew lill-parti l-oħra fiż-żwieg fil-bżonn (paragrafu (y) tal-Artiklu 338)
- Meta konjugi ma jħallas l-konjuħi l-ieħor l-manteniment kif stabbilit f'kuntratt ta' separazzjoni jew f'digriet jew sentenza tal-Qorti *(paragrafu (z) tal-Artiklu 338)*
- Meta l-ulied jħallu fil-bżonn lill-ġenituri *(paragrafu (aa) tal-Artiklu 338)*
- Meta konjuġi ma josservax l-ordni tal-aċċess kif stabbilit f'kuntratt ta' separazzjoni jew f'digriet jew sentenza tal-Qorti *(paragrafu (ll) tal-Artiklu 338)*
- Meta wieħed jħebb għall-ieħor sabiex jingurjah, jdejjaq jew jagħmel ħsara u dan limitat biss meta jkun hemm l-konjuġi bejniethom jew xi ħadd minn uliedhom involuti *(paragrafu (d) tas-subartiklu wieħed tal-Artiklu 339)*
- Meta wieħed jinġurja jew jhedded u dan limitat biss meta jkun hemm l-konjuġi bejniethom jew xi ħadd minn uliedhom involuti *(paragrafu (e) tas-subartiklu wieħed tal-Artiklu 339)*
- Meta parti fiż-żwieġ tonqos milli milli tieħu ħsieb kif jeħtieġ lit-tfal *(paragrafu (j) tas-subartiklu wieħed tal-Artiklu 339)*
- Rejat ta' offiża ħafifa fuq il-persuna (li ma tkunx aggravata skond s-subartikolu (2) tal-artikolu 221 tal-Kodici Kriminali) meta l-offiża tkun saret kontra l-konjuġi mill-konjuġi l-ieħor jew meta issir fuq l-minuri.

Kif kulħadd jaf diġa sar mill-Ministru għall-Familja u Solidarjeta is-Sinjura Dolores Cristina l-ewwel qari ta' Abbozz ta' Liġi li jikkontrolla l-Vjolenza Domestika u għalhekk id-dħul fis-seħħ tas-sezzjoni kriminali fil-Qorti tal-Familja huwa mistenni li jibda t-triq li għandha tissaħħah iktar il-quddiem meta dak l-abbozz jsir finalment liġi.

Fuq l-esperjenza li tiġi miġbura mill-ħidma ta' din il-Qorti wieħed jkun jista` jibni aħjar għall-futur.